



ID-DRITTIJET TAL-ĦADDIEMA GĦALL-INFORMAZZJONI, IL-KONSULTAZZJONI U L-PARTEĊIPAZZJONI

L-Unjoni Ewropea tikkomplementa l-attivitajiet tal-Istati Membri fir-rigward tad-dritt tal-ħaddiema għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni billi tadotta rekwiżiti minimi permezz ta' direttivi jew miżuri maħsuba biex iħeġġu l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri.

IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikoli 5, 114, 115, 151 u 153 tat-[Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea](#) (TFUE).

L-OBJETTIVI

L-UE tappoġġa u tikkomplementa l-attivitajiet tal-Istati Membri marbuta mal-involviment tal-impjegati bl-għan li jinkisbu l-oġettivi ewlenin tal-politika soċjali Ewropea (l-Artikolu 151 tat-TFUE), li jinkludu kundizzjonijiet imtejba tal-għajxien u tax-xoġhol, ħarsien soċjali xieraq, rata ta' impjeg għolja dejjiema u l-ġlieda kontra l-esklużjoni.

IL-KISBIET

A. L-isfond

Id-dritt tal-ħaddiema għall-informazzjoni, konsultazzjoni u parteċipazzjoni ilu tema ewlenija fid-dibattitu Ewropew minn meta ġie adottat l-ewwel Programm ta' Azzjoni Soċjali fl-1974. Il-Karta Komunitarja tad-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-Ħaddiema tal-1989 ([il-Karta Soċjali](#)) tenfasizza x-xewqa li tkun promossa l-parteċipazzjoni tal-impjegati. Madankollu, il-proposti tal-Kummissjoni f'dan il-qasam sikwit sabu reżistenza. Ma kinitx teżisti bażi ġuridika xierqa għal-leġiżlazzjoni Komunitarja qabel ma l-Ftehim dwar il-Politika Soċjali ġie inkorporat fit-[Trattat ta' Amsterdam](#) fl-1997.

Rigward l-involviment tal-impjegati, l-Artikolu 153 tat-TFUE jagħti s-setgħa lill-Parlament u lill-Kunsill li jadottaw:

- Miżuri mfassla biex iħeġġu l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri;
- Direttivi li jstabbilixxu r-rekwiżiti minimi għal implimentazzjoni gradwali.

Tapplika l-proċedura leġiżlattiva ordinarja, b'konsultazzjoni minn qabel mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u mal-Kumitat tar-Reġjuni.



B. Leġislazzjoni fis-seħħ

L-ewwel grupp ta' direttivi jittratta d-dritt tal-ħaddiema li jiġu informati dwar il-kundizzjonijiet applikabbli għall-kuntratt jew għar-relazzjoni ta' impjeg u d-dritt li jiġu infurmati u kkonsultati dwar sensji jew trasferimenti:

- Id-Direttiva tal-Kunsill 75/129/KEE dwar **is-sensji kollettivi**, kif emendata mid-Direttivi tal-Kunsill 92/56/KEE u [98/59/KE](#), tirrikjedi li min iħaddem jidħol f'negozjati mal-ħaddiema f'każ ta' sensji kollettivi, bl-għan li jiġu identifikati mezzi biex jiġu evitati s-sensji kollettivi jew biex jitnaqqas l-għadd ta' ħaddiema milquta;
- [Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE](#) dwar **is-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji** (li tikkonsolida d-Direttivi tal-Kunsill 77/187/KEE u 98/50/KE) tistipula li l-ħaddiema jeħtieġ li jiġu infurmati dwar ir-raġunijiet ta' kwalunkwe trasferiment, u l-konsegwenzi tiegħu; id-Direttiva tinkludi wkoll dispożizzjonijiet materjali dwar is-salvagwardja tal-impjegi u tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment;
- [Id-Direttiva 2002/14/KE](#) li tistabbilixxi **qafas ġenerali għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati fil-Komunità Ewropea** tistabbilixxi standards minimi proċedurali li jiproteġu d-dritt tal-ħaddiema li jkunu infurmati u kkonsultati dwar is-sitwazzjoni ekonomika u tal-impjeg li tolqot il-post tax-xogħol tagħhom;
- [Id-Direttiva \(UE\) 2019/1152](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar kondizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli fl-Unjoni Ewropea tistabbilixxi drittijiet ġodda (bħal limitazzjonijiet fuq il-perjodi ta' prova, projbizzjoni fuq klawżoli ta' esklużività, u informazzjoni bil-quddiem dwar l-iskedi tax-xogħol) għall-ħaddiema kollha fl-oqsma kollha tax-xogħol, inklużi dawk fl-aktar oqsma flessibbli u mhux standard, u forom ġodda ta' xogħol bħall-kuntratt mingħajr sigħat (zero hours), ix-xogħol ibbażat fuq vouchers u x-xogħol permezz ta' pjattaforma.

Il-Kummissjoni wettqet kontroll tal-idoneità, li kkonkluda f'Lulju 2013 li b'mod ġenerali d-direttivi huma adatti għall-iskop tagħhom u li l-benefiċċji tagħhom huma akbar min-nefqa, iżda li għad baqa' xi nuqqasijiet - b'mod partikolari l-applikazzjoni tagħhom għall-ħaddiema tas-servizz pubbliku, il-baħħara u l-SMEs - u li ċerti definizzjonijiet jeħtieġu aktar studju u diskussjoni (SWD(2013)0293). Ġiet ikkunsidrata riformulazzjoni tad-direttivi dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni ([C\(2015\)2303](#)) iżda issa jidher li din mhix se ssir, għax l-aħħar darba li ssemmiet fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni kien fl-2015.

F'Jannar 2018 ġiet adottata [d-Direttiva tal-Kunsill li tittrasponi ftehim bejn is-sħab soċjali fis-settur tat-trasport marittimu](#) li temmet l-esklużjoni tal-baħħara mid-direttiva dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema.

Rigward il-ħaddiema tas-settur pubbliku, l-ebda waħda mid-direttivi li tirrigwarda d-dritt tal-ħaddiema għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni ma tapplika għall-amministrazzjonijiet pubbliċi (ara l-Kawżi C-583/10, Nolan u C-108/10, Scattolon tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea). Meta kien qed jinnegozja d-Direttiva ta' Qafas Ġenerali fl-2001, il-Parlament ipprova jestendi l-ambitu biex jinkludi s-settur pubbliku, iżda l-Kunsill irrifjuta. F'Diċembru 2015, il-Kumitat tad-Djalogu Soċjali Settorjali għall-Amministrazzjonijiet tal-Gvern Ċentrali ffirmat ftehim settorjali dwar standards



minimi komuni ta' drittijiet għall-informazzjoni u konsultazzjoni għall-ħaddiema tal-amministrazzjoni ċentrali u talab implimentazzjoni permezz ta' Direttiva tal-Kunsill. Fil-5 ta' Marzu 2018, il-Kummissjoni infurmat lis-sħab soċjali li ma kinitx ser tipproponi dan il-ftehim lill-Kunsill għal implimentazzjoni.

It-tieni grupp ta' direttivi jinkludi d-drittijiet tal-ħaddiema li jkunu infurmati u kkonsultati f'sitwazzjonijiet b'element transnazzjonali:

- id-Direttiva tal-Kunsill 94/45/KE, kif riveduta mid-[Direttiva 2009/38/KE](#) dwar l-introduzzjoni tal-**Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej** (EWCs). Il-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej ilaqqgħu flimkien il-livell maniġerjali ċentrali u r-rappreżentanti tal-impjegati mill-Ewropa kollha biex jiddiskutu materji bħall-prestazzjoni, il-prospetti u l-impjegar ta' kumpanija, u l-politiki ta' ristrutturar u tar-riżorsi umani tagħha. Il-ħaddiema ngħataw ukoll ċerti drittijiet għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni fir-rigward tal-ambjent tax-xogħol. Il-leġiżlazzjoni dwar il-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej tkopri kumpaniji multinazzjonali li jimpjegaw mhux inqas minn 1 000 ħaddiem fl-UE/ŻEE u mill-inqas 150 membru tal-persunal f'żewġ Stati Membri jew aktar. [Bażi ta' data apposta](#), ġestita mill-Istitut Ewropew tat-Trejdjunjins (ETUI), tipprovdi d-data dwar il-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej;
- [Id-Direttiva 2004/25/KE](#) dwar **offerti ta' xiri**, li taħtha l-impjegati tal-kumpaniji kkonċernati, jew ir-rappreżentanti tagħhom, għandhom jingħataw opportunità li jistqarru l-opinjoni tagħhom rigward l-effetti prevedibbli tal-offerta fuq l-impjegi; japplikaw ukoll ir-regoli tas-soltu dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati;
- [Id-Direttiva 2011/35/UE](#) dwar **il-mergers ta' kumpaniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata** li skontha, il-ħaddiema f'kumpaniji li jagħmlu merger huma protetti sal-istess livell stabbilit fid-Direttiva dwar it-trasferiment tal-impreżi.

FI-14 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni ppubblikat [evalwazzjoni REFIT](#) tad-Direttiva tal-Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropew u kkonkludiet li l-informazzjoni għall-ħaddiema tgiebet f'termini ta' kwalità u ambitu, iżda li d-Direttiva ma żiditx ir-rata li biha jiġu stabbiliti Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej ġodda. Il-Kummissjoni pproponiet li tfassal manwal prattiku għall-prattikanti tal-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej u tipprovdi finanzjament lis-sħab soċjali biex jappoġġaw l-implimentazzjoni u l-effikaċja tal-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej.

It-tielet grupp ta' direttivi għandu l-għan li jstabbilixxi r-regoli applikabbli għal sitwazzjonijiet b'element transnazzjonali, li jagħtu drittijiet parzjali ta' parteċipazzjoni fit-teħid tad-deċiżjonijiet:

- [Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/86/KE](#) li tissupplimenta l-**Istatut għal kumpanija Ewropea rigward l-involvement tal-ħaddiema** tistabbilixxi regoli dwar il-parteeċipazzjoni tal-ħaddiema f'deċiżjonijiet dwar l-iżvilupp strateġiku tal-kumpanija. L-impjegati mhux biss huma informati u kkonsultati permezz ta' korp simili għal Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropew, iżda ssir dispożizzjoni għall-parteeċipazzjoni tal-impjegati fil-livell tal-bord meta din il-forma ta' parteċipazzjoni tkun ġiet applikata fil-kumpaniji fundatriċi nazzjonali (magħruf bħala l-prinċipju ta' "qabel u wara");



- [Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/72/KE](#) li tissupplimenta l-Istatut tas-Soċjeta' Kooperattiva Ewropea rigward l-involviment tal-impjegati tiżgura li r-rappreżentanti tal-impjegati jistgħu jeżerċitaw influenza fuq it-tmexxija tas-Soċjetajiet Kooperattivi Ewropej;
- [Id-Direttiva \(UE\) 2017/1132](#) dwar ċerti aspetti tal-liġi dwar il-kumpaniji tinkludi wkoll regoli dwar id-determinazzjoni tar-reġim ta' parteċipazzjoni tal-impjegati li għandu jiġi applikat għal **mergers transfruntiera ta' kumpaniji b'responsabilità limitata**;

Ir-raba' grupp jikkonsisti f'li ġej: żewġ ftehimiet transsettorjali bejn is-sħab soċjali (implimentati mid-[Direttiva tal-Kunsill 97/81/KE](#) dwar ix-xogħol part-time u d-Direttiva tal-Kunsill [99/70/KE](#) dwar xogħol għal żmien fiss), [id-Direttiva 2008/104/KE](#) dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija, u bosta direttivi dwar is-saħħa u s-sikurezza, li kollha jinkludu dispożizzjonijiet impliċiti dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni.

C. Inizjattivi oħra

Il-kumpaniji u r-rappreżentanti tal-ħaddiema bdew jikkonkludu ftehimiet ta' kumpaniji transnazzjonali, forma ta' dialogu soċjali f'kumpaniji multinazzjonali, fl-isfond tal-internazzjonalizzazzjoni tal-kumpaniji, li kulma jmur qed tkompli tikber. Il-ftehimiet ta' Kumpaniji transnazzjonali jieħdu diversi forom u jitfasslu b'mod konġunt għal applikazzjoni f'aktar minn Stat Membru wieħed mir-rappreżentanti ta' kumpanija u l-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema. Madankollu, dan it-tip ta' Prattika jista' jqajjem kwistjonijiet ġuridiċi u politiċi dwar ir-relazzjoni bejn il-livelli vertikali differenti ta' dialogu soċjali (internazzjonali, Ewropew u nazzjonali) u l-isferi ta' applikazzjoni orizzontali (transsettorjali, speċifiċi għas-settur u fil-livell tal-kumpanija). Barra minn hekk, il-ftehimiet ta' kumpaniji transnazzjonali jaf ma jaqblux man-normi u r-referenzi nazzjonali, u l-mekkaniżmi ta' riżoluzzjoni tat-tilwim fis-seħħ huma skarsi.

Il-Kummissjoni ddikjarat l-intenzjoni tagħha li takkumpanja u timmonitorja l-iżvilupp tal-ftehimiet ta' kumpaniji transnazzjonali billi tappoġġa l-iskambji tal-esperjenza u r-riċerka. Il-Kummissjoni għandha [bażi ta' data](#) dwar il-ftehimiet ta' kumpaniji transnazzjonali.

F'April 2018, il-Kummissjoni ppreżentat pakkett ta' proposti dwar ir-riforma tal-liġi tal-kumpaniji tal-UE, inkluża proposta biex tiġi emendata d-Direttiva tal-2017 fir-rigward tal-konverżjonijiet, tal-mergers u tad-diviżjonijiet transkonfinali.

B'konformità mal-[Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali](#), li jintitola lill-ħaddiema kollha fis-setturi kollha li jiġu infurmati u kkonsultati dwar kwalunkwe kwistjoni rilevanti għalihom, wieħed mill-għanijiet ta' din il-proposta huwa li tiġi aġġornata l-protezzjoni tal-impjegati billi tiġi pprovduta informazzjoni mtejbja dwar il-konverżjonijiet, il-mergers jew id-diviżjonijiet transfruntiera. Kull kumpanija se jkollha tipprovdi lill-impjegati b'rapport li jindirizza l-impatt li kwalunkwe operazzjoni bħal din jista' jkollha fuqhom. Wara dan, l-opinjoni tal-impjegati għandha titqies matul il-laqgħa ġenerali. Speċifikament għal diviżjonijiet u konverżjonijiet transfruntiera, l-impjegati se jkunu jistgħu wkoll iressqu l-ftehimiet tagħhom dwar l-abbozz tat-termini tal-operazzjoni proposta.

Rigward il-protezzjoni tad-drittijiet ta' parteċipazzjoni tal-impjegati, diġà jeżistu regoli speċifiċi dwar il-mergers, u dawn se jibqgħu l-istess. Għall-konverżjonijiet u d-



diviżjonijiet transfruntiera, huwa propost li l-kumpaniji għandhom fil-prinċipju jsegwu r-regoli tal-Istat Membru tad-destinazzjoni.

Bħalissa għaddejnin negozjati interistituzzjonali dwar il-proposta.

IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament adotta diversi riżoluzzjonijiet li jappellaw biex il-ħaddiema jkollhom id-dritt li jkunu involuti fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-kumpaniji u biex dan id-dritt japplika kemm għall-kumpaniji nazzjonali kif ukoll dawk transnazzjonali, indipendentement mill-istatus ġuridiku tagħhom. Il-Parlament, fir-[riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Frar 2009](#), talab ukoll li l-ħaddiema tas-settur pubbliku jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-direttivi dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni.

Fir-[riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2013 dwar informazzjoni lill-ħaddiema u konsultazzjoni tal-ħaddiema, antiċipazzjoni u ġestjoni tar-ristrutturar](#), il-Parlament stieden lill-Kummissjoni tressaq proposta ta' att legali li jipprevedi li r-rappreżentanti tal-ħaddiema jiġu infurmati għalkollox dwar kwalunkwe ristrutturar propost u li jistipula qafas ta' żmien raġonevoli għall-konsultazzjoni..

Il-Parlament tenna din it-talba għal leġiżlazzjoni fir-[riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika u fir-riżoluzzjoni tat-13 ta' Ġunju 2017 dwar fużjonijiet u xissjonijiet transfruntieri](#).

Wara t-tfabbir ta' pjanijiet ta' ristrutturazzjoni estensiva fil-kumpaniji Caterpillar u Alstom fl-2016, il-Parlament adotta [riżoluzzjoni fil-5 ta' Ottubru 2016 dwar il-bżonn ta' politika ta' reindustrijalizzazzjoni Ewropea](#), li fiha talab lill-awtoritajiet rilevanti kollha jiżguraw li l-partijiet kollha involuti jikkonformaw għalkollox mar-regolamenti nazzjonali u Ewropej dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema, speċjalment waqt ir-ristrutturazzjoni.

Fir-[riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Jannar 2017 dwar Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali](#), il-Parlament fakkar fil-valur tal-involviment tal-ħaddiema fit-teħid tad-deċiżjonijiet u fil-ġestjoni tal-kumpaniji, u indika l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali, bħala pereżempju l-kooperattivi, bħala eżempju tajjeb f'termini tal-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, l-appoġġjar tal-inklużjoni soċjali u l-promozzjoni ta' ekonomija parteċipattiva.

Aoife Kennedy

11/2019

